# IL-PRE-ISTORJA TAL-KNISJA PARROKKJALI F'ĠIEĦ SAN PUBLJU FIL-FLORIANA

kitba ta' Alexander Bonnici o.f.m conv. H.E.D., S.Th. L., Ph.B

Ma nistax ma nħarisx b'għożża kbira lejn il-knisja parrokkjali tal-Floriana. Jiena twelidt f'dan is-subborg fit-28 ta' Jannar ta' l-1936, u dak in-nhar stess ġejt mgħammed bl-isem ta' Pawlu fil-knisja parrokkjali ta' San Publju mill-Arċipriet Dun Anġ Ghigo.

**IL-KNISJA DDEDIKATA LILL-MADONNA TAS-SOKKORS KIENET L-EWWEL KNISJA LI NBNIET F'DAN IS-SUBBORG TAL-BELT**

## SARRIA U L-KAPUĊĊINI

Il-Floriana kienet fit-territorju parrokkjali ta' San Pawl tal-Belt. Il-kleru ta' din il-parroċċa tal-Belt għamel minn kollox biex il-Floriana ma ssirx parroċċa. Hi storja doloruża ħafna li m'aħniex sejrin nidħlu fid-dettalji tagħna f'din il-kitba. Sejjer nifli biss xi ftit minn kotra ta' dokumenti li jinstabu fil-kurja arċiveskovili ta' Malta. Qalb il-manuskritti tal-kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt, hemm wieħed li kollu kemm hu jittratta fuq il-Floriana. Fih ħafna iżjed milli jgħid it-titlu tiegħu. It-titlu jagħtina x'naħsbu li l-volum jitratta fuq l-erezzjoni tal-parroċċa tal-Floriana. Imma jibda minn ħafna qabel.[1]



Il-Knisja tal-Kapuċċini

Fl-1585, kavallier portugiż bl-isem ta' Fra Martino di Sarria bena knisja 'l barra mill-ħitan tal-Belt li ddedikaha lill-Madonna tas-Sokkors.[2] Kienet l-ewwel knisja li bniet f'dan is-subborg tal-Belt. Imma ma hix dik tal-lum. L-ewwel waħda twaqqgħet fl-1675.

Bejn 1588 u 1589, il-Gran Mastru Hugues Loubenx de Verdalle (wieħed miż-żewġ kardinali li kellu l-Ordni Militari ta' San Ġwann) daħħal fostna lill-Kapuċċini. Lilhom il-Gran Mastru bnielhom kunvent iħares fuq il-Port il-Kbir, 'il barra mill-Belt Valletta, li kienet għadha kif saret il-kapitali l-ġdida ta' Malta. Il-post hu l-Floriana tal-lum. Mal-kunvent, ibniet knisja ċkejkna.[3]

## ID-DULURI F'TAL-PIETÀ



Il-Knisja tad-Duluri - Pietà

Sa dak iż-żmien, tal-Pietà kien marbut ħafna mal-Floriana. Lejn tmiem is-seklu sittax, inbniet il-Knisja tal-Madonna tad-Duluri. Din inbniet minnufih wara l-flaġell tal-pesta ta' l-1592-1593, Il-post ħa l-isem mill-knisja. *La Madonna della Pietà* ma hix ħlief id-Duluri. Il-post kien importanti iżjed mill-Floriana. Il-patrijiet Agostinjani akkwistaw f'idejhom dik il-knisja fl-1617. Magħha kien hemm kunvent b'komunità ċkejkna. Imma l-kunvent ġie magħluq fl-1652 minħabba s-soppressjoni ta' Papa Innoċenz X, li ma riedx komunitajiet ċkejkna.[4]

## WEGĦDA WARA L-PESTA

Il-gżira tagħna għaddiet minn epidemija ta' pesta qalila fl-1676. Kienu mietu iżjed minn ħdax-il elf ruħ. Il-knisja ta' Sarria tal-lum, fil-Floriana, inbniet b'wegħda wara li Malta ħelset minn dak il-flaġell. Għalhekk, hi marbuta ma' żmien il-Gran Mastru Nikola Cotoner. Kienet knisja ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Għalhekk, l-isqof ma kienx iżurha fil-viżti



Il-Knisja ta' Sarria

pastorali tiegħu. [5] Imma, sal-lum, fl-Immakulata, għadha ssir pruċissjoni minn San Ġwann għal din il-knisja. Fid-19 ta' Novembru ta' l-1715, fir-rapport tal-viżta pastorali ta' l-Isqof Ġakbu Canaves, inkiteb: " 'Il barra mill-Belt, l-Isqof ma jżurx ħlief filjali waħda tal-parroċċa ta' San Pawl. Din hi l-knisja tal-Madonna tal-Pjetà". [6] Li kieku dik il-viżta saret sentejn wara, l-Isoqf ma kienx iżur lanqas dik il-knisja minħabba l-fatt li ġiet mogħtija f'idejn il-patrijiet. Imma, imbagħad, mill-1652, l-Isqof, li din id-darba kien Alpheran de Bussan, qegħdilha qassis djoċesan biex jieħu ħsiebha. [7]

## VIĊI-PARRROĊĊA F'TAL-PJETÀ

Tal-Pjetà kien għadu importanti iżjed mill-Floriana. Għalhekk, meta fil-limiti tal-parroċċa ta' San Pawl tal-Belt, kien meħtieġ li jkun hemm knisja li tagħti servizz pastorali bħala viċi-parroċċa, kienet dik tad-Duluri li ġiet mogħtija din id-dinjità. Dan kien xi ftit qabel is-sena 1723. Kien hemm xi 550 ruħ joqogħdu f'dik ix-xaqliba. Ma' dan inżidu li, fi żmien l-episkopat ta' Mons. Gaspare Gori-Manċini (1722-1727), kien hemm dawk li kienu qed jitħabtu ma' l-Isqof ħalli lil dik tad-Duluri jagħmilha parroċċa. [8]

Madankollu, f'dan iż-żmien, l-Isqof kien qed jitfa' għajnejh fuq il-Floriana. Il-popolazzjoni kienet qed tikber u l-post beda jsir importanti aktar minn tal-Pjetà. Bejn iż-żewġ knejjes li kien hemm, jiġifieri Ta' Sarria u tal-Kapuċċini, fl-aħjar pożizzjoni kienet dik ta' Sarria. Imma nqala' saram li żamm lill-Isqof milli lil Ta' Sarria jagħmilha Parroċċa.

IL-KNISJA TA' SARRIA INBNIET B'WEGĦDA WARA LI MALTA ĦELSET MILL-PESTA TAL-1676

## SARRIA MIXTIEQA PARROĊĊA

Il-knisja kienet inbniet mill-Kavallier Sarria u mbagħad għat-tieni darba mill-Gran Mastru Cottoner. Bdiet tissejjaħ għall-Immakulata Kunċizjoni. L-Ordni ta' San Ġwann kien qed iżommha bħala tiegħu: kif kienet dik tal-Vitorja tal-Belt. L-Ordni kien mixtieq li l-knisja ġdida ta' Sarria ssir parroċċa. Il-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena (li ta l-isem lill-Floriana: is-subborg Vilhena) beda jitħabat biex Sarria ssir parroċċa. Għadna fi żmien l-Isqof Gori Mancini. Vilhena pprova jaqbeż lill-Isqof. Għalhekk, fil-21 ta' Settembru ta' l-1724, hu għamel supplika lis-Santa Sede, fi żmien il-Papa Benedittu XIII: li ma kienx ilu ħlief erba' xhur Papa. Imma l-Papa ma tqarraqx. Ħalla d-deċiżjoni f'idejn l-Isqof ta' Malta. Gori-Mancini ma riedx li parroċċa fil-Floriana tkun waħda li hu ma jkollux ġurisdizzjoni fuqha. Għalhekk, Sarria ma saritx knisja parrokkjali. Barra minn hekk, il-knisja kienet waħda ċkejkna.

## VILHENA U FLORIANI

Minkejja dan kollu, il-Floriana bdiet issir dejjem iżjed importanti. Tliet snin biss wara r-rikors ta' Vilhena, taħt id-direzzjoni ta' l-arkitett Pietro-Paolo Floriani, il-post kien qed jiddawwar bis-swar. Minħabba f'dan l-arkitett, il-post ħa t-tieni isem tiegħu. Minbarra l-isem ta' subborg "Vilhena", beda jissejjaħ "Floriana". L-isem Vilhena ma spiċċa qatt għal kollox. Imma, bħalma jaf kulħadd, l-isem tal-post sar dak li jorbtu ma' Floriani, Sar "Floriana" jew "Furjana".

## L-IŻVILUPP TAS-SUBBORG

Il-Floriana wkoll kienet qed tikber. Ftit qabel ma ħadet dan l-isem, u eżattament fis-sena 1717, kien hemm fil-post tletin familja u ħames persuni li kienu jgħixu weħidhom. B'kollox kienu 145 persuna. [9] Ma' dawn jiżdiedu, 68 mara anzjana, li kienu jgħixu fl-Ospizju tan-Nisa. [10] Sena wara, fl-1718, il-popolazzjoni telgħet għal tlieta u tletin familja u erba' persuni li kienu jgħixu weħidhom. Il-popolazzjoni saret ta' 161 persuna. [11] Imma n-nisa ta' l-anzjani

kienu niżlu għal 49 waħda. [12]

Minn żmien Floriani, in-nies tas-subborg bdew jixxennqu ħafna biex ikollhom il-knisja parrokkjali tagħhom. Imma l-popolazzjoni kienet għadha meqjusa ċkejkna wisq. Tal-Pjetà kien għadu iżjed mid-doppju tal-Floriana. Kien għad jonqos ukoll knisja li jkun jitħoqqilha li ssir parroċċa.

## IL-VIĊI PARROĊĊA F'ĠIEĦ SAN PUBLJU

Data ta' importanza storika għall-Floriana hi dik tat-2 ta' Awissu ta' l-1733. L-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan qiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja li kienet sejra tissemma għal San Publju. Il-knisja tlestiet fi żmien seba' snin: jiġifieri fl-1740. [13]



Il-Knisja l-antika

Ftit dettalji dwar il-knisja nafuhom minn dak li hu reġistrat fil-viżta pastorali ta' l-Isqof Alpheran fl-20 ta' Novembru ta' l-1749. Kienet knisja sagramentali. Jissemma li l-Floriana kienet subborg tal-Belt u l-knisja kienet waħda filjali ta' San Pawl tal-Belt. Għalhekk, għall-viżta, lill-Isqof laqgħu Dun Ġużepp Guicciardi, l-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Pawl. Alpheran lil dik il-knisja ta' San Publju ddikjaraha viċi-parroċċa. Dan hu titlu importanti. L-ebda knisja ma ssir viċi-parroċċa biex tibqa' hekk. Ifisser li jkun beda jimmatura ż-żmien biex issir parroċċa. Il-Viċi-parrokku kien Dun Tumas Bonnici. Kien hemm kwadru titulari. Imma ma kienx dak tal-lum. Kien juri lil San Publju qed jiġi kkonsagrat Isqof. Dan tal-lum tpitter minn Filippo-Vincenzo Pace fl-1773. [14]

Il-knisja viċi-parrokkjali, fl-1749, kienet għadha b'żewġ altari biss minbarra t-titulari. Kien hemm dak tad-*Duluri*, bi kwadru li juri lil Kristu qed jitniżżel minn fuq is-salib u ieħor tal-*Kurċifiss* bi kwadru li juri lil Kristu Msallab.

Tieħu l-impressjoni li fl-1749 il-knisja ta' San Publju kienet waslet biex tiġi ddikjarata parroċċa. Imma kellhom jistennew sas-sena 1844. Għat-tul ta' mitt sena, dawk tal-kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt tertqulhom qalbhom ħalli ma jħallux lil tal-Floriana jinqatgħu minnhom għal kollox.

Imma nieqaf hawn bil-ġrajjiet tiegħi. Wieħed irid jieħu fit-tul ħafna biex jgħid minn xiex għaddew il-Furjaniżi biex qatgħu xewqithom.

## Riferenzi


1. AAM, *Canonicati - San Paolo, Valletta*, n. 16: "Super erectionem in Parochialem Ecclesiam filialis ecclesiae Divi Publii suburghi Villegna".
2. AAM, VP, 1588-1602, ff. 430r-431r.
3. Timotju mill-Belt, *Il-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana u l-Ordni Ġerosolimitan*, 1955. 180p.; Alex. Bonnici, *L-istituti ta' Ħajja Kkonsagrata*, PIN 2000, 64.
4. Ed. Sammut, "The Church of Our Lady della Pietà, TOM, 13.07.1950; Alex. Bonnici, *L-istituti ta' Ħajja Kkonsagrata, PIN 2000, 38.*
5. Ara A. Cremona, *Knisja ta' Sarria*, DOE, 1968, 50p.
6. MCM, ACM, *Misc*. 188, f.32v.
7. AAM, *VP*, 1671-1674, f'.361r; *VP*, 1699-1700, ff. 1758-1760.
8. Ibid., 1722-1723, f. 174r-v.
9. MCM, ACM, *St. A.*, 13, n. 11 (Valletta: S. Paolo), ff. 33r-34r.
10. *Ibid.* ff. 34v-35r.
11. *Ibid.*, 10, ff. 30v-32v.
12. *Ibid.*, f. 33r.
13. E.S. Tonna, *Final Focus on Floriana*, 1979, 20.
14. E. Fiorentino, "Restorer's New Findings", *ST*, 5.03.95, 21.